SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

8 ta' Mejju 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kontrolli fil-fruntieri, ażil, immigrazzjoni – Artikolu 20 TFUE – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 7 u 24 – Direttiva 2008/115/KE – Artikoli 5 u 11 – Ċittadin ta' pajjiż terz li huwa suġġett għal projbizzjoni ta' dħul fit-territorju – Applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin tal-Unjoni Ewropea li qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu – Rifjut li tiġi eżaminata l-applikazzjoni"

Fil-Kawża C-82/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Raad voor Vreemdelingenbetwistingen (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Frar 2016, fil-proċedura

**K.A.,**

**M.Z.,**

**M.J.,**

**N.N.N.,**

**O.I.O.,**

**R.I.,**

**B.A.**

vs

**Belgische Staat,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, M. Ilešič u C. Vajda, Presidenti tal-Awla, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, C. Toader, M. Safjan, E. Jarašiūnas, S. Rodin, F. Biltgen u C. Lycourgos (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta' Frar 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal K.A., M.Z. u B.A., minn J. De Lien, advocaat,

– għal M.J., minn W. Goossens, advocaat,

– għal N.N.N., minn B. Brijs, advocaat,

– għall-Gvern Belġjan, minn C. Pochet u M. Jacobs, bħala aġenti, assistiti minn C. Decordier, D. Matray u T. Bricout, advocaten,

– għall-Gvern Elleniku, minn T. Papadopoulou, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Montaguti u C. Cattabriga kif ukoll minn P.J.O. Van Nuffel, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE, tal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u tal-Artikoli 5 u 11 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' seba' tilwimiet bejn K.A. M.Z., M.J., N.N.N., O.I.O., R.I. u B.A u l-gemachtigde van de staatssecretaris voor Asiel en Migratie, Maatschappelijke Integratie en Armoedebestrijding (ir-Rappreżentant tas-Segretarju tal-Istat għall-Ażil u l-Migrazzjoni, għall-Integrazzjoni Soċjali u għall-Ġlieda Kontra l-Faqar, iktar 'il quddiem l-"awtorità nazzjonali kompetenti") dwar id-deċiżjonijiet ta' dan tal-aħħar li ma jiħux inkunsiderazzjoni l-applikazzjonijiet rispettivi tagħhom għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja u, skont il-każ, li joħroġ fil-konfront tagħhom ordni ta' tluq mit-territorju jew ordni sabiex jikkonformaw ruħhom mal-ordni ta' tluq mit-territorju.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 2 u 6 tad-Direttiva 2008/115 jgħidu li:

"(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004 sejjaħ għat-twaqqif ta' politika effettiva ta' tneħħija u ripatrijazzjoni, mibnija fuq standards komuni, għar-ritorn ta' persuni b'mod uman u b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet fundamentali u tad-dinjità tagħhom.

[...]

(6) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tmiem ta' soġġorn illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jitwettaq permezz ta' proċedura ġusta u trasparenti. Skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi ta' l-UE, deċiżjonijiet meħuda skond din id-Direttiva għandhom jiġu adottati fuq bażi ta' każ b'każ u abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jimplika li l-konsiderazzjoni għandha tmur lil hinn mis-sempliċi fatt ta' soġġorn illegali. Meta jużaw forom standard għal deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, jiġifieri deċiżjonijiet ta' ritorn u, jekk maħruġa, deċiżjonijiet li jipprojbixxu d-dħul u deċiżjonijiet dwar it-tneħħija, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw dak il-prinċipju u jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha ta' din id-Direttiva."

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprevedi li:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, skond id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-liġi [tal-Unjoni] kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi dwar id-drittijiet tal-bniedem."

5 L-Artikolu 2(1) tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi li:

"Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju ta' Stat Membru."

6 Skont l-Artikolu 3 tal-istess direttiva:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni [direttiva] għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(2) 'soġġorn illegali' tfisser il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 [tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2006, L 105, p. 1)] jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru;

(3) 'ritorn' tfisser il-proċess tat-tluq lura ta' ċittadin ta' pajjiż terz – kemm jekk b'konformità volontarja ma' obbligu ta' ritorn kif ukoll jekk infurzat – għal:

– il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew

– pajjiż ta' transitu skond ftehim ta' riamissjoni Komunitarja jew bilaterali jew arranġamenti oħra, jew

– pajjiż terz ieħor, li għalih iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu jew hi ser jiġi aċċettat;

(4) 'deċiżjoni ta' ritorn' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn;

(5) 'tneħħija' tfisser l-infurzar ta' l-obbligu ta' ritorn, jiġifieri t-trasport fiżiku barra mill-Istat Membru;

(6) 'projbizzjoni fuq id-dħul [projbizzjoni ta' dħul]' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju li jipprojbixxi dħul lejn u soġġorn fit-territorju ta' l-Istati Membri għal perijodu speċifikat, li jakkumpanja deċiżjoni ta' ritorn;

[...]"

7 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 jipprevedi li:

"Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont dovut ta':

(a) l-aħjar interessi tat-tfal,

(b) il-ħajja familjari,

(c) l-istat tas-saħħa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat u,

jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement."

8 L-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5.

[...]"

9 L-Artikolu 7(4) tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"Jekk ikun hemm riskju ta' ħarba, jew jekk applikazzjoni għal soġġorn legali tkun ġiet miċħuda għax kienet bla bażi jew ibbażata fuq frodi jew jekk il-persuna konċernata tippreżenta riskju għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu ma jagħtux perijodu ta' żmien għat-tluq volontarju, jew jistgħu jagħtu perijodu iqsar minn sebat ijiem."

10 L-Artikolu 11 ta' din l-istess direttiva jistabbilixxi li:

"1. Deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul [projbizzjoni ta' dħul]:

(a) jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għat-tluq volontarju jew,

(b) jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat.

F'każijiet oħrajn, deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jkunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul.

2. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali u fil-prinċipju ma għandux jeċċedi il-ħames snin. Hu jista' madankollu jeċċedi l-ħames snin jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida serja għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-irtirar jew is-sospensjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun is-suġġett ta' projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa skond it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 jista' juri li jkun ħalla jew ħalliet it-territorju ta' Stat Membru f'konformità sħiħa ma' deċiżjoni ta' ritorn.

Vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li jkunu ngħataw permess ta' residenza skond id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza mogħti lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkunu vittmi ta' traffikar tal-bniedem jew li kienu suġġett ta' azzjoni li tiffaċilita l-immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7,

p. 69], m'għandhomx ikunu s-suġġett ta' projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, punt (b), u dment li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jirrappreżentax theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu ma joħorġux, jirtiraw jew jissospendu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji.

L-Istati Membri jistgħu jirtiraw jew jissospendu projbizzjoni ta' dħul f'każijiet individwali jew f'ċerti kategoriji ta' każijiet għal raġunijiet oħrajn.

[...]"

*Id-dritt Belġjan*

11 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 dwar l-Aċċess għat-Territorju, ir-Residenza, l-Istabbiliment u t-Tneħħija tal-Barranin (*Moniteur belge* tal-31 ta' Diċembru 1980, p. 14584), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawżi prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980"), jistabbilixxi li:

"Bla ħsara għal dispożizzjonijiet iktar favorevoli inklużi fi trattat internazzjonali, il-Ministru jew ir-rappreżentant tiegħu jista' joħroġ fil-konfront tal-barrani, li la ma huwa awtorizzat u lanqas ma għandu l-permess sabiex jirrisjedi għal iktar minn tliet xhur jew sabiex jistabbilixxi ruħu fir-Renju, ordni ta' tluq mit-territorju f'terminu stabbilit jew għandu l-obbligu joħroġ fil-każijiet imsemmija fil-punti 1, 2°, 5°, 11° jew 12°, ordni ta' tluq mit-territorju f'terminu stabbilit:

[...]

12° jekk il-barrani jkun suġġett għal projbizzjoni ta' dħul li la ma ġiet sospiża u lanqas irtirata.

[...]"

12 L-Artikolu 40a(2) ta' din il-liġi jipprevedi li:

"Is-segwenti għandhom jitqiesu bħala membri tal-familja taċ-ċittadin tal-Unjoni:

1° il-konjuġi jew il-barrani, li jakkumpanjah jew li jingħaqad miegħu, li miegħu huwa marbut permezz ta' sħubija rreġistrata meqjusa bħala ekwivalenti għal żwieġ fil-Belġju,

2° is-sieħeb, li jakkumpanjah jew li jingħaqad miegħu, li miegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni huwa marbut permezz ta' sħubija rreġistrata skont il-liġi.

Is-sħab għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) juru li għandhom relazzjoni ta' sħubija stabbilita debitament li hija dejjiema u stabbli.

In-natura dejjiema u stabbli ta' din ir-relazzjoni għandha titqies issodisfatta:

– jekk is-sħab juru li għixu flimkien fil-Belġju jew f'pajjiż ieħor b'mod mhux interrott għal mill-inqas sena qabel l-applikazzjoni;

– jew jekk is-sħab juru li kienu jafu lil xulxin mill-inqas sentejn qabel l-applikazzjoni [...];

– jew jekk is-sħab ikollhom wild komuni;

b) ikunu jgħixu flimkien;

c) it-tnejn li huma jkunu għalqa l-età ta' wieħed u għoxrin sena;

d) ma jkunux miżżewġa u ma jkollhomx relazzjoni ta' sħubija dejjiema u stabbli ma' persuna oħra;

[…]

3° id-dixxendenti u d-dixxendenti tal-konjuġi jew tas-sieħeb tiegħu msemmi fil-punti 1° jew 2°, li ma għalqux l-età ta' wieħed u għoxrin sena jew li huma dipendenti fuqhom, li jakkumpanjawhom jew li jingħaqdu magħhom […];

[…]

5° il-missier jew l-omm ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea li huwa minuri kif imsemmi fil-punt 2°tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40(4), bil-kundizzjoni li dan tal-aħħar huwa dipendenti fuqu jew fuqha u li huwa jew hija għandha effettivament il-kustodja tiegħu."

13 L-Artikolu 40b tal-imsemmija liġi jistabbilixxi li:

"Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu għandhom japplikaw għal membri tal-familja ta' ċittadin Belġjan, sakemm ikunu kkonċernati:

– il-membri tal-familja msemmija fil-punti 1° sa 3°tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40a(2), li jakkumpanjaw jew li jingħaqdu maċ-ċittadin Belġjan;

– il-membri tal-familja msemmija fil-punti 4°tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40a(2), li huma l-missier u l-omm ta' ċittadin Belġjan minuri, li jistabbilixxu l-identità tagħhom permezz ta' dokument ta' identità u li jakkumpanjaw jew li jingħaqdu maċ-ċittadin Belġjan.

Għal dak li jirrigwarda l-membri tal-familja msemmija fil-punti 1° sa 3° tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40a(2), ċittadin Belġjan għandu juri:

– li għandu mezzi ta' għajxien stabbli, suffiċjenti u regolari. […]

– li għandu akkomodazzjoni deċenti li tippermettilu jilqa' l-membru jew il-membri tal-familja tiegħu li jkunu applikaw sabiex jingħaqdu miegħu […]".

14 L-Artikolu 43 tal-istess liġi, li japplika wkoll għal membri tal-familja ta' ċittadin Belġjan skont l-Artikolu 40b tagħha, huwa fformulat kif ġej:

"Id-dħul u r-residenza ma jistgħux jiġu miċħuda liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom għajr għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika u bil-kundizzjoni li jiġu osservati l-limitazzjonijiet segwenti:

1° dawn ir-raġunijiet ma għandhomx jiġu invokati għal skopijiet ekonomiċi;

2° il-miżuri ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità u għandhom ikunu bbażati esklużivament fuq il-kondotta personali tal-individwu kkonċernat. L-eżistenza ta' kundanni kriminali preċedenti ma għandhiex fiha nnifisha tikkostitwixxi raġuni sabiex jittieħdu tali miżuri. Il-kondotta personali tal-individwu kkonċernat għandha tirrappreżenta theddida reali, attwali u suffiċjentement serja li tolqot wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà. Ġustifikazzjonijiet li ma humiex marbuta direttament mal-każ individwali kkonċernat jew li jiddependu fuq raġunijiet ta' prevenzjoni ġenerali ma għandhomx jiġu aċċettati;

[…]

Meta l-Ministru jew ir-rappreżentant tiegħu jkollu l-intenzjoni li jtemm ir-residenza ta' ċittadin tal-Unjoni jew ta' membru tal-familja tiegħu minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà nazzjonali jew ta' saħħa pubblika, huwa għandu jieħu inkunsiderazzjoni t-tul tar-residenza tal-persuna kkonċernata fir-Renju, l-età tagħha, l-istat ta' saħħa tagħha, is-sitwazzjoni tal-familja u ekonomika tagħha, l-integrazzjoni soċjali u kulturali tagħha u l-intensità tar-rabtiet tagħha mal-pajjiż ta' oriġini tagħha."

15 L-Artikolu 74/11 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 jistabbilixxi li:

"§ 1er. It-tul tal-projbizzjoni ta' dħul għandu jiġi ddeterminat billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ.

Id-deċiżjoni ta' tneħħija għandha tkun akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul ta' massimu ta' tliet snin fil-każijiet segwenti:

1° jekk ma jkun ingħata l-ebda terminu għat-tluq volontarju; jew

2° jekk deċiżjoni preċedenti ta' tneħħija ma tkunx ġiet infurzata.

It-terminu massimu ta' tliet snin imsemmi fit-tieni subparagrafu jista' jiġi estiż għal massimu ta' ħames snin jekk:

1. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun wettaq frodi jew uża mezzi illegali oħra sabiex jikseb permess ta' residenza jew sabiex iżomm id-dritt ta' residenza tiegħu;

2° iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ikkuntratta żwieġ, sħubija jew adozzjoni biss sabiex jikseb permess ta' residenza jew sabiex iżomm id-dritt ta' residenza tiegħu fir-Renju.

Id-deċiżjoni ta' tneħħija tista' tkun akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul li teċċedi l-ħames snin jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirrappreżenta theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà nazzjonali.

§ 2. […]

Il-Ministru jew ir-rappreżentant tiegħu jista' jastjeni milli joħroġ projbizzjoni ta' dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji.

§ 3. Il-projbizzjoni ta' dħul għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li fih tiġi nnotifikata l-projbizzjoni ta' dħul.

Il-projbizzjoni ta' dħul ma tistax tikser id-dritt għal protezzjoni internazzjonali, kif iddefinit fl-Artikoli 9b, 48/3 u 48/4."

16 Skont Artikolu 74/12 ta' din il-liġi:

"§ 1er. Il-Ministru jew ir-rappreżentant tiegħu jista' jirtira jew jissospendi l-projbizzjoni ta' dħul għal raġunijiet umanitarji.

[…]

Bla ħsara għal derogi previsti minn trattat internazzjonali, liġi jew digriet irjali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jressaq talba motivata mal-missjoni diplomatika Belġjana jew mal-konsulat kompetenti fil-post ta' residenza jew ta' soġġorn tiegħu barra mill-pajjiż.

§ 2. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jressaq talba mal-Ministru jew mar-rappreżentant tiegħu sabiex jirtira jew jissospendi l-projbizzjoni ta' dħul abbażi tal-osservanza tal-obbligu tat-tneħħija li kien ingħata qabel, jekk huwa jipprovdi prova bil-miktub li huwa telaq mit-territorju Belġjan b'konformità sħiħa mad-deċiżjoni ta' tneħħija.

§ 3. Deċiżjoni dwar talba għall-irtirar jew għas-sospensjoni tal-projbizzjoni ta' dħul għandha tittieħed mhux iktar tard minn erba' xhur wara l-preżentazzjoni tagħha. Jekk ebda deċiżjoni ma tittieħed fi żmien erba' xhur, id-deċiżjoni titqies li hija negattiva.

§ 4. Matul l-eżami tat-talba għall-irtirar jew għas-sospensjoni, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jkollu ebda dritt jidħol jew jirrisjedi fir-Renju.

[...]"

17 L-Artikolu 74/13 tal-imsemmija liġi jipprevedi li:

"Meta tittieħed deċiżjoni ta' tneħħija, il-Ministru jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat ta' saħħa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat."

## Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

18 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali huma kollha ċittadini ta' pajjiż terz, membri tal-familja ta' ċittadini Belġjani li ma eżerċitawx il-libertà ta' moviment jew ta' stabbiliment tagħhom. Dawn ir-rikorrenti kienu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn akkumpanjata minn deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. Għal kull wieħed minnhom, din id-deċiżjoni tal-aħħar saret finali u, skont il-qorti tar-rinviju, hija tista', taħt id-dritt nazzjonali, bħala prinċipju tieqaf teżisti jew tieqaf temporanjament milli tipproduċi l-effetti tagħha biss permezz tal-preżentazzjoni, barra mill-pajjiż, ta' talba għall-irtirar jew għas-sospensjoni tal-imsemmija deċiżjoni.

19 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ppreżentaw sussegwentement fil-Belġju applikazzjoni għal permess ta' residenza, fil-kwalità tagħhom ta' dixxendent dipendenti fuq ċittadin Belġjan (K.A. u M.Z.), ta' ġenitur ta' wild minuri Belġjan (M.J., N.N.N., O.I.O. u R.I.) jew ta' sieħeb konkubin legali f'relazzjoni stabbli ma' ċittadin Belġjan (B.A.). Dawn l-applikazzjonijiet ma ttiħdux inkunsiderazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti għar-raġuni li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kienu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju li kienet għadha fis-seħħ. L-imsemmija rikorrenti kkontestaw id-deċiżjonijiet kontenzjużi quddiem il-qorti tar-rinviju.

20 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta b'mod partikolari, għal dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, K.A., li din tal-aħħar, ta' nazzjonalità Armena, ġiet innotifikata, fis-27 ta' Frar 2013, b'ordni ta' tluq mit-territorju, akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul għal perijodu ta' tliet snin, għar-raġuni li hija ma kinitx issodisfat l-obbligu ta' ritorn tagħha u li l-ebda terminu għal ritorn volontarju ma kien ingħatalha, peress li hija kienet tqieset li tikkostitwixxi perikolu għall-ordni pubbliku wara li nqabdet tisraq minn ħwienet. Fl-10 ta' Frar 2014, K.A. u ż-żewġ subien tagħha ppreżentaw, waqt li kienu jinsabu fit-territorju Belġjan, applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja fil-kwalità ta' dixxendenti dipendenti fuq missierha, ta' ċittadinanza Belġjana. Fit-28 ta' Marzu 2014, l-awtorità nazzjonali kompetenti tat id-deċiżjoni tagħha fil-forma ta' ordni ta' tluq mit-territorju, li permezz tagħha hija rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni din l-applikazzjoni minħabba l-projbizzjoni ta' dħul innotifikata fis-27 ta' Frar 2013.

21 It-tieni nett, għal dak li jirrigwarda M.Z., ta' nazzjonalità Russa, huwa ġie nnotifikat, fit-2 ta' Lulju 2014, b'ordni ta' tluq mit-territorju u bi projbizzjoni ta' dħul għal perijodu ta' tliet snin, għar-raġuni li huwa ma kienx issodisfa l-obbligu ta' ritorn tiegħu u li l-ebda terminu għal ritorn volontarju ma kien

ingħatalu, peress li huwa kien tqies li jikkostitwixxi perikolu għall-ordni pubbliku wara r-redazzjoni ta' proċess verbal għal serq bi żgass f'garaxx. Fit-8 ta' Settembru 2014, M.Z. intbagħat lura bil-forza lejn ir-Russja. Fil-5 ta' Novembru 2014, dan tal-aħħar applika, waqt li kien jinsab għal darb'oħra fit-territorju Belġjan, għal permess ta' residenza, fil-kwalità ta' dixxendent dipendenti fuq missieru, ċittadin Belġjan. Fid-29 ta' April 2015, l-awtorità nazzjonali kompetenti rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni din l-applikazzjoni minħabba d-deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul li kienet ġiet imposta fuqu, u, barra minn hekk, ordnatlu jikkonforma ruħu ma' ordni ta' tluq mit-territorju.

22 It-tielet nett, għal dak li jirrigwarda M.J., ta' nazzjonalità Ugandiża, hija ngħatat ordni, f'żewġ okkażjonijiet, sabiex titlaq mit-territorju, jiġifieri fit-13 ta' Jannar 2012 u fit-12 ta' Novembru tal-istess sena. Fil-11 ta' Jannar 2013, ġiet innotifikata lilha projbizzjoni ta' dħul għal tliet snin, għar-raġuni li hija ma kinitx ikkonformat ruħha ma' dawn l-obbligi ta' ritorn u li l-ebda terminu għal ritorn volontarju ma kien ingħatalha fid-dawl tar-riskju li taħrab marbut mal-assenza ta' indirizz uffiċjali fil-Belġju u tal-fatt li hija kienet tqieset li tikkostitwixxi perikolu għall-ordni pubbliku wara r-redazzjoni mill-pulizija ta' proċess verbal għal offiża fuq il-persuna. Fl-20 ta' Frar 2014, M.J. applikat, waqt li kienet tinsab fit-territorju Belġjan, għal permess ta' residenza, fil-kwalità tagħha ta' ġenitur ta' wild minuri ta' nazzjonalità Belġjana, imwieled fis-26 ta' Ottubru 2013. Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' April 2014, l-awtorità nazzjonali kompetenti rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni tagħha għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja minħabba l-projbizzjoni ta' dħul tal-11 ta' Jannar 2013, filwaqt li ordnatilha titlaq mit-territorju.

23 Għal dak li jirrigwarda, ir-raba' nett, N.N.N., din tal-aħħar, ta' nazzjonalità Kenjana, kienet is-suġġett ta' żewġ ordnijiet ta' tluq mit-territorju, datati l-11 ta' Settembru 2012 u t-22 ta' Frar 2013 rispettivament. Sussegwentement, N.N.N. welldet tifla li kisbet in-nazzjonalità Belġjana, minn missierha, fit-3 ta' April 2014. Fl-24 ta' April 2014, N.N.N. kienet is-suġġett ta' ordni ġdida ta' tluq mit-territorju u ġiet innotifikata bi projbizzjoni ta' dħul fit-territorju ta' tliet snin talli ma ssodisfatx l-obbligu ta' ritorn tagħha. Fid-9 ta' Settembru 2014, N.N.N. applikat, waqt li kienet tinsab fit-territorju Belġjan, għal permess ta' residenza, fil-kwalità tagħha ta' ġenitur ta' wild minuri ta' nazzjonalità Belġjana. Insostenn ta' din l-applikazzjoni, hija pproduċiet provi ta' ħlas ta' manteniment mill-missier tat-tifla tagħha kif ukoll ittra li fiha dan tal-aħħar jiddikjara li huwa ma jistax jieħu ħsieb it-tifla tagħhom full-time u li huwa preferibbli li tibqa' ma' ommha. Fl-4 ta' Marzu 2015, l-awtorità nazzjonali kompetenti rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja minħabba l-projbizzjoni ta' dħul li kienet ġiet imposta fuq N.N.N., u, barra minn hekk, ordnatilha sabiex tikkonforma ruħha ma' ordni ta' tluq mit-territorju.

24 Il-ħames nett, għal dak li jirrigwarda O.I.O., ta' nazzjonalità Niġerjana, huwa żżewweġ lil R.C., ta' nazzjonalità Belġjana, li magħha kellu tifla, ta' nazzjonalità Belġjana. Fil-11 ta' Mejju 2010, O.I.O. ġie ikkundannat għal offiża volontarja fuq il-persuna. Wara d-divorzju ta' O.I.O., R.C. ingħatat l-awtorità esklużiva tal-ġenituri fuq binthom fis-6 ta' April 2011. Din tal-aħħar tgħix ma' ommha, li tirċievi l-allowances tal-familja u l-vantaġġi soċjali l-oħra. Barra minn hekk, id-dritt għal relazzjoni personali ta' O.I.O. ma' bintu huwa sospiż provviżorjament. Minħabba d-divorzju tiegħu minn ma' R.C., ġiet adottata deċiżjoni ta' revoka tad-dritt ta' residenza ta' O.I.O., akkumpanjata minn ordni ta' tluq mit-territorju. Fit-28 ta' Mejju 2013, ġiet innotifikata lilu projbizzjoni ta' dħul fit-territorju għal perijodu ta' tmien snin minħabba li huwa ma kienx issodisfa l-obbligu ta' ritorn tiegħu u li l-ebda terminu għal ritorn volontarju ma kien ingħatalu għar-raġuni li kien jirrappreżenta riskju serju, reali u attwali għall-ordni pubbliku. Fis-6 ta' Novembru 2013, O.I.O. applika, waqt li kien jinsab fit-territorju Belġjan, għal permess ta' residenza, fil-kwalità tiegħu ta' ġenitur ta' wild minuri ta' nazzjonalità Belġjana. Fit-30 ta' April 2014, l-awtorità nazzjonali kompetenti rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni din l-applikazzjoni minħabba l-projbizzjoni ta' dħul tat-28 ta' Mejju 2013, filwaqt li ordnat lil O.I.O. sabiex jitlaq mit-territorju.

25 Is-sitt nett, għal dak li jirrigwarda s-sitwazzjoni ta' R.I., ta' nazzjonalità Albaniża, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dan huwa l-missier ta' wild Belġjan. Wara t-twelid ta' dan il-wild, id-dritt ta' residenza tiegħu, li huwa kien kiseb b'mod frawdolenti, ġie rrevokat. Projbizzjoni ta' dħul fit-territorju

għal perijodu ta' ħames snin ġiet innotifikata lilu wkoll, fis-17 ta' Diċembru 2012, talli uża l-frodi jew mezzi illegali oħra sabiex jikseb permess ta' residenza jew sabiex iżomm id-dritt ta' residenza tiegħu. Sussegwentement, R.I. żżewweġ fl-Albanija ma' omm il-wild tiegħu, li hija ta' nazzjonalità Belġjana. Fil-21 ta' Awwissu 2014, R.I. applika, waqt li kien jinsab għal darb'oħra fit-territorju Belġjan, għal permess ta' residenza, fil-kwalità tiegħu ta' ġenitur ta' wild minuri Belġjan. Fit-13 ta' Frar 2015, l-awtorità nazzjonali kompetenti rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni din l-applikazzjoni minħabba l-projbizzjoni ta' dħul li kienet ġiet imposta fuqu, u, barra minn hekk, ordnatlu sabiex jikkonforma ruħu ma' ordni ta' tluq mit-territorju.

26 Għal dak li jirrigwarda, is-seba' nett, B.A., ta' nazzjonalità Gineana, dan tal-aħħar kien is-suġġett ta' żewġ ordnijiet ta' tluq mit-territorju, datati t-23 ta' Jannar 2013 u d-29 ta' Mejju 2013. Fit-13 ta' Ġunju 2014, ġiet innotifikata lilu projbizzjoni ta' dħul fit-territorju għal perijodu ta' tliet snin, għar-raġuni li huwa ma kienx issodisfa l-obbligu ta' ritorn tiegħu. Sussegwentement, B.A., waqt li kien jinsab fit-territorju Belġjan, ikkonkluda kuntratt ta' koabitazzjoni mas-sieħba tiegħu ta' nazzjonalità Belġjana u applika għal permess ta' residenza fil-kwalità tiegħu ta' sieħeb koabitant legali f'relazzjoni stabbli u dejjiema ma' ċittadin Belġjan. Fil-21 ta' Mejju 2015, l-awtorità nazzjonali kompetenti rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja minħabba l-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju tat-13 ta' Ġunju 2014, u, barra minn hekk, ordnatlu sabiex jikkonforma ruħu ma' ordni ta' tluq mit-territorju.

27 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża, qabelxejn, li, skont prassi nazzjonali, applikata fil-każijiet kollha mingħajr il-possibbiltà ta' adattament għas-sitwazzjoni konkreta, l-applikazzjonijiet għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja ppreżentati mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma ttiħdux inkunsiderazzjoni, u għalhekk ma ġewx eżaminati fuq il-mertu, għar-raġuni li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu s-suġġett ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju. Għaldaqstant, ma ttiħdux inkunsiderazzjoni, fir-rigward ta' dawn l-applikazzjonijiet, il-ħajja tal-familja, la, fil-każijiet rilevanti, l-interessi tal-minuri, u lanqas il-kwalità ta' ċittadin tal-Unjoni tal-membri tal-familja ta' nazzjonalità Belġjana. Din il-qorti tenfasizza wkoll li, skont l-awtorità nazzjonali kompetenti, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali l-ewwel għandhom jitilqu mill-Belġju, imbagħad jitolbu s-sospensjoni jew l-irtirar tal-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, qabel ma jkunu jistgħu jippreżentaw applikazzjoni għal residenza fil-kuntest ta' riunifikazzjoni tal-familja.

28 L-imsemmija qorti tosserva f'dan ir-rigward li, skont id-dritt nazzjonali, deċiżjoni dwar it-talba għall-irtirar jew għas-sospensjoni tal-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, ippreżentata fil-pajjiż ta' oriġini tal-persuna kkonċernata, għandha tiġi adottata fi żmien erba' xhur mill-preżentazzjoni tat-talba. Jekk dan ma jkunx il-każ, id-deċiżjoni titqies li hija negattiva. Barra minn hekk, huwa biss wara li tiġi adottata d-deċiżjoni dwar l-irtirar jew is-sospensjoni tal-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju li tingħata deċiżjoni, f'terminu ta' sitt xhur, dwar l-applikazzjoni għal viża ppreżentata, fil-kuntest ta' riunifikazzjoni tal-familja, miċ-ċittadin ta' pajjiż terz fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu.

29 Il-qorti tar-rinviju tikkonstata, sussegwentement, li l-kawżi mressqa quddiemha ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224), u lanqas taħt dak tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46). Barra minn hekk, hija tosserva li d-diversi ċittadini tal-Unjoni kkonċernati f'dawn il-kawżi abbażi tar-rabta tal-familja, li toħloq konnessjoni bejnhom u bejn ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, ma jivvjaġġawx regolarment lejn Stat Membru ieħor bħala ħaddiema jew fornituri ta' servizzi, u li dawn la ma żviluppaw u lanqas ma kkonsolidaw ħajja tal-familja ma' dawn ir-rikorrenti matul perijodu ta' residenza effettiva fi Stat Membru ieħor għajr il-Belġju.

30 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tosserva li s-sitwazzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni li ma jkunx eżerċita d-dritt tiegħu għall-libertà ta' moviment ma tistax, minħabba dan il-fatt biss, tiġi assimilata ma' sitwazzjoni purament interna, skont is-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), u tal-5 ta' Mejju 2011, McCarthy (C-434/09, EU:C:2011:277).

31 Hija tosserva wkoll li, jekk il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), huma applikabbli biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li dawn huma rriżervati għal sitwazzjonijiet fejn teżisti rabta bijoloġika bejn iċ-ċittadin ta' Stat terz, li għalih ikun qiegħed jintalab dritt ta' residenza, u ċ-ċittadin tal-Unjoni, wild ta' età żgħira. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni r-relazzjoni ta' dipendenza bejn iċ-ċittadin tal-Unjoni ta' età żgħira u ċ-ċittadin ta' Stat terz, peress li huwa bis-saħħa ta' din id-dipendenza li ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun *de facto* obbligat jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk iċ-ċittadin ta' Stat terz li fuqu jiddependi ma jingħatax permess ta' residenza.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Raad voor Vreemdelingenbetwistingen (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 20 TFUE u l-Artikoli 5 u 11 tad-Direttiva [2008/115] moqrija flimkien mal-Artikoli 7 u 24 tal-[Karta], għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, f'ċerti ċirkustanzi, prattika nazzjonali skont liema talba għal residenza fil-kuntest ta' riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin tal-Unjoni, imressqa fl-Istat Membru fejn jgħix iċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat li ma għamilx użu mid-dritt tiegħu għal-libertà ta' moviment u ta' stabbiliment u li għandu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru (iktar 'il quddiem, iċ-'ċittadin statiku tal-Unjoni'), minn ċittadin ta' Stat terz membru tal-familja ta' dan tal-aħħar, tkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, flimkien ma', jew mingħajr, il-ħruġ ta' deċiżjoni ta' tneħħija, għas-sempliċi raġuni li l-membru tal-familja ċittadin ta' Stat terz ikkonċernat jaqa' taħt projbizzjoni ta' dħul applikabbli b'dimensjoni Ewropea?

   a) Sabiex jiġu evalwati ċirkustanzi bħal dawn, huwa rilevanti li teżisti, bejn iċ-ċittadin statiku tal-Unjoni u l-membru tal-familja tiegħu ċittadin ta' Stat terz, relazzjoni ta' dipendenza li tmur lil hinn minn sempliċi rabta ta' familja? Fl-affermattiv, liema huma l-fatturi rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' din ir-relazzjoni ta' dipendenza? F'dan ir-rigward, jista' jsir riferiment b'mod utli għall-ġurisprudenza li tirrigwarda l-eżistenza ta' ħajja tal-familja fis-sens tal-Artikolu 8 [tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-'KEDB')] u tal-Artikolu 7 tal-Karta?

   b) Fir-rigward, b'mod speċifiku, tal-ulied minorenni, l-Artikolu 20 TFUE jeżiġi iktar minn rabta bijoloġika bejn il-ġenitur-ċittadin ta' Stat terz u l-wild-ċittadin tal-Unjoni? l-prova ta' koabitazzjoni hija importanti f'dan ir-rigward jew rabtiet ta' affezzjoni u rabtiet finanzjarji, bħal modalitajiet ta' akkomodazzjoni jew ta' żjara u l-pagament ta' manteniment, huma suffiċjenti? F'dan ir-rigward, jista' jsir riferiment b'mod utli għall-motivazzjoni tas-sentenzi Ogieriakhi (C-244/13, EU:C:2014:2068, punti 38 u 39), Singh *et* (C-218/14, EU:C:2015:476, punt 54) u O. *et*, (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 56)? Ara wkoll, f'dan ir-rigward, [is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et* (C-133/15, EU:C:2017:354)].

   c) Sabiex jiġu evalwati tali ċirkustanzi, huwa importanti li l-ħajja tal-familja bdiet f'mument li fih iċ-ċittadin ta' Stat terz kien diġà jaqa' taħt projbizzjoni ta' dħul u kien jaf, għaldaqstant, li kien qiegħed jirresjedi irregolarment fl-Istat Membru? Din l-informazzjoni tista' tiġi invokata b'mod utli kontra eventwali użu ħażin tal-proċeduri ta' residenza fil-kuntest tar-riunifikazzjoni tal-familja?

   d) Sabiex jiġu evalwati tali ċirkustanzi, huwa importanti li l-ebda azzjoni ġudizzjarja fis-sens tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/115 ma tressqet kontra d-deċiżjoni ta' ħruġ ta' projbizzjoni ta' dħul jew li tali azzjoni ġudizzjarja ġiet miċħuda?

e) Il-fatt li l-projbizzjoni ta' dħul ġiet imposta għal raġunijiet ta' natura ta' ordni pubbliku jew minħabba residenza irregolari huwa element rilevanti? Fl-affermattiv, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk iċ-ċittadin ta' Stat terz ikkonċernat jirrappreżentax theddida reali, attwali u suffiċjentement serja għal interess fundamentali tas-soċjetà? F'din il-perspettiva, l-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva [2004/38], li ġew trasposti fl-Artikoli 43 u 45 tal-[liġi tal-15 ta' Diċembru 1980] u l-ġurisprudenza korrispondenti tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-ordni pubbliku jistgħu jiġu applikati b'mod analogu għall-membri tal-familja ta' ċittadini statiċi tal-Unjoni [sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín (C-165/14, EU:C:2016:675), u tat-13 ta' Settembru 2016, CS (C-304/14, EU:C:2016:674)])?

2) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 u l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi prattika nazzjonali skont liema projbizzjoni ta' dħul applikabbli tiġi invokata kontra talba għal riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin statiku tal-Unjoni, imressqa fit-territorju ta' Stat Membru wara l-ħruġ ta' din il-projbizzjoni ta' dħul, sabiex jiġi rrifjutat it-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmija talba mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħajja privata u tal-familja u lanqas l-interess tat-tfal ikkonċernati msemmija f'din it-talba?

3) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 u l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi prattika nazzjonali skont liema deċiżjoni ta' tneħħija tittieħed kontra ċittadin ta' Stat terz, diġà suġġett għal projbizzjoni ta' dħul applikabbli, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħajja privata u tal-familja u lanqas l-interess tat-tfal ikkonċernati, li huma msemmija f'talba għal [residenza għall-finijiet ta'] riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin statiku tal-Unjoni mressqa wara l-ħruġ ta' din il-projbizzjoni ta' dħul?

4) L-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/115 jimplika li ċittadin ta' Stat terz għandu, fil-prinċipju, dejjem iressaq talba għal irtirar jew għal sospensjoni ta' projbizzjoni ta' dħul definittiva u applikabbli barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea jew jeżistu ċirkustanzi li fihom huwa jista' jressaq din it-talba wkoll fit-territorju tal-Unjoni Ewropea?
   a) It-tielet u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tal-istess direttiva, li jipprevedi li l-possibbiltà li tiġi rtirata jew sospiża projbizzjoni ta' dħul tista' titqies biss jekk iċ-ċittadin ta' Stat terz ikkonċernat juri li telaq mit-territorju f'konformità sħiħa mad-deċiżjoni ta' ritorn, għandu jiġi osservat mingħajr riżerva f'każijiet individwali jew f'kull kategorija ta' każijiet?
   b) L-Artikoli 5 u 11 tad-Direttiva 2008/115 jipprekludu interpretazzjoni skont liema talba għal residenza fil-kuntest ta' riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin statiku tal-Unjoni, li ma għamilx użu mid-dritt tiegħu għal-libertà ta' moviment u ta' stabbiliment, tista' tiġi assimilata għal talba (temporanja) impliċita għal irtirar jew għal sospensjoni tal-projbizzjoni ta' dħul definittiva u applikabbli li terġa' ġġib l-effetti tagħha jekk jirriżulta li l-kundizzjonijiet ta' residenza ma humiex issodisfatti?
   c) Huwa rilevanti li l-obbligu li titressaq talba għal irtirar jew għal sospensjoni fil-pajjiż ta' oriġini jwassal eventwalment biss għal separazzjoni temporanja bejn iċ-ċittadin ta' Stat terz u ċ-ċittadin statiku tal-Unjoni? Jeżistu ċirkustanzi li fihom l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta jipprekludu, madankollu, separazzjoni temporanja?
   d) Huwa rilevanti li l-obbligu li titressaq talba għal irtirar jew għal sospensjoni fil-pajjiż ta' oriġini jwassal eventwalment biss għall-fatt li ċ-ċittadin tal-Unjoni għandu, fejn xieraq, sempliċement jitlaq mit-territorju tal-Unjoni għal tul ta' żmien limitat? Jeżistu ċirkustanzi li fihom l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi, madankollu, li ċittadin statiku tal-Unjoni jkun obbligat jitlaq mit-territorju tal-Unjoni għal tul ta' żmien limitat?"

**Fuq it-talba għal ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali**

33 Wara li ġew ippreżentati l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, il-Gvern Belġjan ippreżenta, permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Diċembru 2017, talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura sabiex tingħatalu l-possibbiltà, minn naħa, li jirrispondi għalihom, għar-raġuni li l-imsemmija konklużjonijiet għandhom interpretazzjoni żbaljata tad-Direttiva 2008/115 u, min-naħa l-oħra, li jressaq l-osservazzjonijiet tiegħu fuq is-sentenzi tas-26 ta' Lulju 2017, Ouhrami (C-225/16, EU:C:2017:59), u tal-14 ta' Settembru 2017, Petrea (C-184/16, EU:C:2017:684).

34 Fir-rigward tal-kritika magħmula fir-rigward tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, għandu jitfakkar, minn naħa, li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprevedux il-possibbiltà li l-partijiet ikkonċernati jissottomettu osservazzjonijiet b'risposta għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Polbud – Wykonawstwo, C-106/16, EU:C:2017:804, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Min-naħa l-oħra, bis-saħħa tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu r-rwol li jippreżenta pubblikament, bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, skont l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jeħtieġu l-intervent tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hija marbuta la mill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali u lanqas mir-raġunijiet li fl-aħħar tagħhom huwa jasal għalihom. Konsegwentement, id-diżakkord ta' parti interessata mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ikunu xi jkunu l-kwistjonijiet li huwa jeżamina fihom, ma jistax jikkostitwixxi fih innifsu motiv li jiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Polbud – Wykonawstwo, C-106/16, EU:C:2017:804, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Għall-bqija, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, konformement mal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, b'mod partikolari meta tqis li ma jkollhiex informazzjoni biżżejjed jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma jkunx ġie diskuss bejn il-partijiet ikkonċernati (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2017, Federatie Nederlandse Vakvereniging *et*, C-126/16, EU:C:2017:489, punt 33).

37 Madankollu, f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li hija għandha l-elementi kollha meħtieġa sabiex tagħti deċiżjoni dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari li għandha quddiemha u li din ma għandhiex tiġi eżaminata fid-dawl ta' argument li ma ġiex diskuss quddiemha.

38 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma hemmx lok li tinfetaħ mill-ġdid il-fażi orali tal-proċedura.

**Fuq id-domandi preliminari**

***Osservazzjonijiet preliminari***

39 Preliminarjament, jeħtieġ, qabel kollox, li jiġi indikat li s-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawżi prinċipali kollha jikkonċernaw ir-rifjut tal-awtorità nazzjonali kompetenti li tieħu inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, imressqa fil-Belġju, minn ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin Belġjan, bħala dixxendent, ġenitur jew koabitanti legali ta' dan tal-aħħar, għar-raġuni li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa s-suġġett ta' deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju. Il-qorti tar-rinviju tindika li, skont id-dritt nazzjonali, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, bħala prinċipju, għandhom iressqu, fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, talba għall-irtirar jew għas-sospensjoni tal-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju li tolqothom qabel ma jkunu jistgħu validament jippreżentaw applikazzjoni għal residenza għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja.

40 Wara, din il-qorti tippreċiża li, f'kull waħda mis-seba' kawżi prinċipali magħquda, iċ-ċittadin Belġjan inkwistjoni qatt ma eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi ma jistgħu jisiltu dritt ta' residenza dderivat la mid-Direttiva 2004/38, u lanqas mill-Artikolu 21 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez et, C-133/15, EU:C:2017:354, punti 52 sa 54).

41 Fl-aħħar nett, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li "deċiżjonijiet ta' tneħħija" adottati mill-awtorità nazzjonali kompetenti jinkludu l-obbligu, għar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li jitilqu mit-territorju Belġjan u li dawn huma akkumpanjati minn projbizzjoni ta' dħul fit-territorju. Kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 44 tal-konklużjonijiet tagħha, tali deċiżjonijiet għandhom għalhekk, għall-finijiet tal-eżami tad-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, jitqiesu li huma "deċiżjonijiet ta' ritorn" fis-sens tal-punt 4 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115 (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Abdida, C-562/13, EU:C:2014:2453, punt 39).

### *Fuq l-ewwel żewġ domandi*

42 Permezz tal-ewwel żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi:

– jekk l-Artikoli 5 u 11 tad-Direttiva 2008/115, kif ukoll l-Artikolu 20 TFUE, moqrija, jekk ikun il-każ, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu prassi ta' Stat Membru li ma tiħux inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, ippreżentata fit-territorju tiegħu minn ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jkollu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru u li qatt ma jkun eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, għar-raġuni biss li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun is-suġġett ta' projbizzjoni ta' dħul fl-imsemmi territorju, mingħajr ma jkun ġie evalwat jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza bejn iċ-ċittadin tal-Unjoni u l-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz ta' natura tali li, fil-każ ta' rifjut ta' għoti ta' dritt ta' residenza dderivat lil dan tal-aħħar, l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jkun, fil-fatt, imġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu u jiġi b'hekk imċaħħad mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tiegħu;

– fil-każ ta' risposta affermativa, liema elementi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali relazzjoni ta' dipendenza u, fejn iċ-ċittadin tal-Unjoni jkun minorenni, x'importanza għandha tingħata lill-eżistenza ta' rabta familjari, kemm jekk tkun ta' natura bioloġika jew legali, u lill-modalitajiet ta' akkomodazzjoni u ta' teħid ta' responsabbiltà finanzjarja ta' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, ċittadin tal-Istat Membru kkonċernat;

– x'impatt jista' jkollu, f'dan il-kuntest:

  – il-fatt li r-relazzjoni ta' dipendenza invokata miċ-ċittadin ta' pajjiż terz insostenn tal-applikazzjoni tiegħu ta' residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja tkun tnisslet wara l-adozzjoni, fil-konfront tiegħu, ta' deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju;

  – il-fatt li l-imsemmija projbizzjoni tkun saret definittiva fil-mument li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta l-applikazzjoni għal residenza tiegħu għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja u

  – il-fatt li l-imsemmija projbizzjoni tkun iġġustifikata b'nuqqas ta' osservanza ta' obbligu ta' ritorn jew b'raġunijiet ta' ordni pubbliku.

*Fuq l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' applikazzjoni għal residenza għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja minħabba miżura ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat li tiegħu jkun suġġett l-awtur ta' din l-applikazzjoni*

43 Hemm lok li jiġi ddeterminat, l-ewwel nett, jekk l-Artikoli 5 u 11 tad-Direttiva 2008/115 jew l-Artikolu 20 TFUE, moqrija, jekk ikun il-każ, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta, għandhomx jiġu interpretati bħala li jipprekludu prassi ta' Stat Membru li ma tiħux inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni ta' residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru, minn ċittadin ta' pajjiż terz li kien is-suġġett ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju.

*– Fuq id-Direttiva 2008/115*

44 Qabel kollox huwa importanti li jitfakkar li d-Direttiva 2008/115 tirrigwarda biss ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu qed jirrisjedu irregolarment u għalhekk ma għandhiex l-għan li tarmonizza fl-intier tagħhom ir-regoli tal-Istati Membri dwar ir-residenza tal-barranin (sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, Celaj, C-290/14, EU:C:2015:640, punt 20). Għalhekk, l-istandards u l-proċeduri komuni stabbiliti mid-Direttiva 2008/115 jikkonċernaw biss l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u l-eżekuzzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian, C-329/11, EU:C:2011:807, punt 29).

45 B'mod partikolari, ebda dispożizzjoni ta' din id-direttiva ma tirregola l-mod ta' kif għandha tiġi pproċessata applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, bħal fil-kawżi prinċipali, wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li tkun akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul fit-territorju. Barra minn hekk, ir-rifjut li tittieħed inkunsiderazzjoni tali applikazzjoni fiċ-ċirkustanzi deskritti fil-punt 27 ta' din is-sentenza ma tistax tfixkel l-applikazzjoni tal-proċedura ta' ritorn prevista mill-imsemmija direttiva.

46 Minn dan isegwi li d-Direttiva 2008/115, b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 11 tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija ma tipprekludix prassi ta' Stat Membru li ma tiħux inkunsiderazzjoni applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, ippreżentata fit-territorju tiegħu minn ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jkollu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru u li qatt ma jkun eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, unikament għar-raġuni li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun is-suġġett ta' projbizzjoni ta' dħul fl-imsemmi territorju.

*– Fuq l-Artikolu 20 TFUE*

47 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 20 TFUE jagħti lil kull persuna li jkollha n-nazzjonalità ta' Stat Membru l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, li huwa intiż li jkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2001, Grzelczyk, C-184/99, EU:C:2001:458, punt 31, u tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano, C-34/09, EU:C:2011:124, punt 41, u tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni tagħti lil kull ċittadin tal-Unjoni dritt fundamentali u individwali li jiċċaqlaq u jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri, bla ħsara għal-limitazzjonijiet u għar-restrizzjonijiet stabbiliti mit-Trattat u l-miżuri adottati għall-applikazzjoni tagħhom (sentenza tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi miżuri nazzjonali, inklużi deċiżjonijiet li jirrifjutaw id-dritt ta' residenza lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, li jkollhom l-effett li jċaħħdu liċ-ċittadini tal-Unjoni mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet

mogħtija mill-istatus tagħhom (sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano, C-34/09, EU:C:2011:124, punt 42; tas-6 ta' Diċembru 2012, O *et*, C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 45, kif ukoll tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et*, C-133/15, EU:C:2017:354, punt 61).

50 Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw iċ-ċittadinanza tal-Unjoni ma jagħtu ebda dritt awtonomu liċ-ċittadini ta' pajjiż terz. Fil-fatt, id-drittijiet eventwali mogħtija lil ċittadini bħal dawn ma humiex drittijiet proprji għal dawn iċ-ċittadini, iżda drittijiet idderivati minn dawk li minnhom igawdi ċ-ċittadin tal-Unjoni. L-għan u l-ġustifikazzjoni tal-imsemmija drittijiet idderivati huma bbażati fuq il-konstatazzjoni li r-rifjut tar-rikonoxximent tagħhom ikun ta' natura li jippreġudika, b'mod partikolari, il-libertà ta' moviment taċ-ċittadin tal-Unjoni (sentenza tat-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et*, C-133/15, EU:C:2017:354, punt 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li jeżistu sitwazzjonijiet partikolari ħafna li fihom, minkejja l-fatt li d-dritt sekondarju dwar id-dritt ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jkunx applikabbli u li ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat ma jkunx għamel użu mil-libertà ta' moviment tiegħu, dritt ta' residenza għandu madankollu jingħata lil ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' dan iċ-ċittadin, taħt piena li jiġi ppreġudikat l-effett utli taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jekk, bħala konsegwenza tar-rifjut ta' tali dritt, dan iċ-ċittadin jiġi mġiegħel, fil-fatt, jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kkunsidrat kollu kemm hu, u b'hekk jiġi mċaħħad mit-tgawdija effettiva tad-drittijiet essenzjali mogħtija b'dan l-istatus (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano, C-34/09, EU:C:2011:124, punti 43 u 44; kif ukoll tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez et, C-133/15, EU:C:2017:354, punt 63).

52 Madankollu, ir-rifjut li jingħata dritt ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz jista' jqiegħed inkwistjoni l-effett utli taċ-ċittadinanza tal-Unjoni biss jekk ikun hemm, bejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u ċ-ċittadin tal-Unjoni, membru tal-familja tiegħu, relazzjoni ta' dipendenza tali li dan tal-aħħar ikun imġiegħel jakkumpanja liċ-ċittadin ta' pajjiż terz inkwistjoni u jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, meqjus kollu kemm hu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2011, Dereci et, C-256/11, EU:C:2011:734, punti 65 sa 67; tas-6 ta' Diċembru 2012, O et, C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 56, kif ukoll tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez et, C-133/15, EU:C:2017:354, punt 69).

53 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-prassi inkwistjoni fil-kawża prinċipali tirrigwarda l-modalitajiet proċedurali li, skont dawn, fil-kuntest ta' applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, ċittadin ta' pajjiż terz jista' jinvoka l-eżistenza ta' dritt idderivat skont l-Artikolu 20 TFUE.

54 F'dan ir-rigward, għalkemm huma ċertament l-Istati Membri li jiddeterminaw il-modalitajiet ta' implimentazzjoni tad-dritt ta' residenza dderivat li għandu, fis-sitwazzjonijiet partikolari ħafna msemmija fil-punt 51 ta' din is-sentenza, jiġi rrikonoxxut lil ċittadin ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 20 TFUE, xorta jibqa' l-fatt li dawn il-modalitajiet proċedurali ma jistgħux, madankollu, jippreġudikaw l-effett utli tal-imsemmi Artikolu 20 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez et, C-133/15, EU:C:2017:354, punt 76).

55 Issa, il-prassi nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissuġġetta l-eżami tal-applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja u l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat, abbażi tal-Artikolu 20 TFUE, għall-obbligu, għaċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat, li jitlaq qabel mit-territorju tal-Unjoni sabiex iressaq talba għall-irtirar jew għas-sospensjoni tal-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju li jkun is-suġġett tagħha. Jirriżulta wkoll mid-deċiżjoni tar-rinviju li ebda eżami tal-eventwali eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-membru tal-familja tiegħu, ċittadin tal-Unjoni, kif ingħad fil-punt 52 ta' din is-sentenza, ma jsir sakemm lill-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx ingħata l-irtirar jew is-sospensjoni tal-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju.

56 Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Belġjan, l-obbligu hekk impost, skont il-prassi nazzjonali inkwistjoni, fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni sabiex jitlob l-irtirar jew is-sospensjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju li tagħha jkun is-suġġett, huwa ta' natura li jikkomprometti l-effett utli tal-Artikolu 20 TFUE jekk l-osservanza ta' dan l-obbligu jwassal, minħabba l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejn l-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz u ċittadin tal-Unjoni, membru tal-familja tiegħu, li dan tal-aħħar, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun imġiegħel jakkumpanjah u, għaldaqstant, huwa wkoll, ikollu jitlaq mit-territorju tal-Unjoni għal tul ta' żmien li, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, ikun indeterminat.

57 Għaldaqstant, għalkemm huwa minnu li r-rifjut ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jikkonforma ruħu mal-obbligu ta' ritorn fil-kuntest ta' proċedura ta' tneħħija ma tistax tippermettilu jevita, kompletament jew parzjalment, l-effetti legali ta' deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul (ara, f'dan is-sens sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Ouhrami, C-225/16, EU:C:2017:590, punt 52), xorta jibqa' l-fatt li, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti ssirilha, minn ċittadin ta' pajjiż terz, applikazzjoni għall-ħruġ ta' dritt ta' residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin tal-Unjoni, ċittadin tal-Istat Membru kkonċernat, din l-awtorità ma għandhiex tirrifjuta li tieħu inkunsiderazzjoni din l-applikazzjoni unikament għar-raġuni li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz kien is-suġġett ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju ta' dan l-Istat Membru. Huwa obbligu tagħha, anzi, li teżamina l-imsemmija applikazzjoni u tevalwa jekk ikunx hemm, bejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz u ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernati, relazzjoni ta' dipendenza tali li dritt ta' residenza dderivat ikollu, bħala prinċipju, jingħata lil dan iċ-ċittadin, skont l-Artikolu 20 TFUE, taħt piena li jobbliga lill-imsemmi ċittadin, fil-fatt, jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu, u b'hekk jiġi mċaħħad mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija lilu mill-istatus tiegħu. Jekk dan ikun il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu mbagħad ineħħi jew, minn tal-inqas, jissospendi d-deċiżjoni ta' ritorn u l-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju li għalihom ikun suġġett l-imsemmi ċittadin.

58 Fil-fatt, ikun kuntrarju għall-għan imfittex mill-Artikolu 20 TFUE li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiġi obbligat jitlaq, għal żmien indeterminat, it-territorju tal-Unjoni sabiex jikseb l-irtirar jew is-sospensjoni ta' projbizzjoni ta' dħul f'dan it-territorju li tiegħu huwa jkun is-suġġett tagħha mingħajr ma jkun ġie vverifikat, preliminarjament, jekk ma jkunx hemm, bejn l-imsemmi ċittadin tal-pajjiż terz u ċ-ċittadin tal-Unjoni, membru tal-familja tiegħu, relazzjoni ta' dipendenza tali li dan tal-aħħar ikun imġiegħel jakkumpanja liċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, minkejja li, preċiżament minħabba din ir-relazzjoni ta' dipendenza, dritt ta' residenza dderivat għandu, bħala prinċipju, jiġi rrikonoxxut lill-imsemmi ċittadin tal-pajjiż terz bis-saħħa tal-Artikolu 20 TFUE.

59 Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Belġjan, il-punt 6 tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/115 ma humiex ta' natura li jikkontestaw din il-konklużjoni.

60 Huwa minnu li, bis-saħħa tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/115, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw l-irtirar jew is-sospensjoni ta' projbizzjoni ta' dħul flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn, li tagħti terminu għal tluq volontarju, meta ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikun telaq mit-territorju konformement ma' din id-deċiżjoni. Madankollu, għandu jiġi osservat li, fit-tielet u r-raba' subparagrafi tal-istess Artikolu 11(3), il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda l-possibbiltà għall-Istati Membri li jirtiraw jew jissospendu projbizzjoni bħal din, f'każijiet individwali, għal raġunijiet oħra għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' din id-dispożizzjoni, mingħajr ma huwa speċifikat f'dawn is-subparagrafi li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz li jkun suġġett għal deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul għandu jkun telaq mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

61 Għaldaqstant, il-punt 6 tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2008/115 ma jipprekludux lill-Istati Membri, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Belġjan, milli jirtiraw jew jissospendu projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, meta d-deċiżjoni ta' ritorn ma tkunx ġiet eżegwita u ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikun preżenti fit-territorju tagħhom.

62 Minn dan isegwi li l-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi prassi ta' Stat Membru li ma tiħux inkunsiderazzjoni applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, imressqa fit-territorju tiegħu minn ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jkollu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru u li qatt ma jkun eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, fuq il-bażi biss tal-fatt li dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun suġġett għal projbizzjoni ta' dħul fl-imsemmi territorju, mingħajr ma jkun ġie evalwat jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ta' tali natura li, fil-każ ta' rifjut ta' għoti ta' dritt ta' residenza dderivat lil dan tal-aħħar, l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jkun, fil-fatt, imġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu u jkun b'hekk imċaħħad mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tiegħu.

*Fuq l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza li tista' tnissel dritt ta' residenza dderivat bis-saħħa tal-Artikolu 20 TFUE fil-kawżi prinċipali*

63 Fit-tieni lok, għandhom jiġu eżaminati ċ-ċirkustanzi li fihom relazzjoni ta' dipendenza, li tista' tnissel dritt ta' residenza dderivat bis-saħħa tal-Artikolu 20 TFUE, tista' sseħħ fil-kawżi prinċipali magħquda.

64 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li r-rikorsi fil-kawżi prinċipali ppreżentati rispettivament minn K.A. M.Z. u B.A. jirrigwardaw applikazzjonijiet għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja minn ċittadini ta' pajjiżi terzi, maġġorenni, li tagħhom il-missier jew is-sieħeb, maġġorenni wkoll, huwa ċittadin Belġjan. Min-naħa l-oħra, ir-rikorsi fil-kawżi prinċipali ta' M.J., N.N.N., O.I.O. u R.I. jirrigwardaw applikazzjonijiet għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja ppreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi, maġġorenni, li l-wild tagħhom, minorenni, huwa ċittadin Belġjan.

65 Fir-rigward, minn naħa, tal-kawżi prinċipali li għandhom ir-rikorrenti rispettivi K.A., M.Z. u B.A., l-ewwel nett, għandu jiġi osservat li, b'differenza mill-minorenni u, *a fortiori* jekk dawn huma tfal ta' età żgħira bħaċ-ċittadini tal-Unjoni inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), adult huwa, bħala prinċipju, f'pożizzjoni li jkollu eżistenza indipendenti mill-membri tal-familja tiegħu. Minn dan isegwi li r-rikonoxximent, bejn żewġ adulti, membri tal-istess familja, ta' relazzjoni ta' dipendenza, ta' natura li toħloq dritt ta' residenza dderivat skont l-Artikolu 20 TFUE, ma tistax tiġi prevista ħlief f'każijiet eċċezzjonali, li fihom, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti, il-persuna kkonċernata ma tkun tista' bl-ebda mod tiġi sseparata mill-membru tal-familja tagħha li minnu tiddependi.

66 F'dan il-każ, fl-ebda waħda mit-tliet kawżi prinċipali fejn hija kkonċernata relazzjoni familjari bejn maġġorenni, il-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja ma juri relazzjoni ta' dipendenza tali li tiġġustifika li jingħata lil ċittadin ta' pajjiż terz dritt ta' residenza dderivat bis-saħħa tal-Artikolu 20 TFUE.

67 B'hekk, l-ewwel nett, fir-rigward ta' K.A., il-qorti tar-rinviju sempliċement tikkonstata li hija dipendenti fuq missierha, ta' nazzjonalità Belġjana, mingħajr ma jidher, mid-deċiżjoni tar-rinviju jew mill-osservazzjonijiet sottomessi minn K.A., li din ir-rabta ta' dipendenza tista' tkun tali li ġġiegħel lill-missier din tal-aħħar jitlaq mit-territorju tal-Unjoni fil-każ ta' rifjut ta' għoti lil K.A. ta' dritt ta' residenza fil-Belġju.

68 It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda M.Z., huwa biss fuq livell finanzjarju li jiddependi fuq missieru Belġjan. Issa, kif osservat essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 79 tal-konklużjonijiet tagħha, tali rabta ta' dipendenza purament finanzjarja kjarament ma hijiex ta' natura li ġġiegħel missier M.Z., ċittadin Belġjan, li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, ikkunsidrat kollu kemm hu, fil-każ fejn lil M.Z. jiġi rrifjutat l-għoti ta' dritt ta' residenza fil-Belġju.

69 It-tielet nett, xejn ma jindika, fid-deċiżjoni tar-rinviju, li teżisti xi sitwazzjoni ta' dipendenza bejn B.A. u l-koabitanti legali tiegħu.

70 Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tar-rikorsi fil-kawżi prinċipali mressqa minn M.J., N.N.N., O.I.O., għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà qieset li huma elementi rilevanti, sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rifjut ta' rikonoxximent ta' dritt ta' residenza dderivat lill-ġenitur, ċittadin ta' pajjiż terz, ta' wild, ċittadin tal-Unjoni, iwassalx għaċ-ċaħda tat-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija lilu mill-istatus tiegħu meta dan il-wild jiġi mġiegħel, fil-fatt, jakkumpanja lill-ġenitur tiegħu u b'hekk jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kkunsidrat kollu kemm hu, il-kwistjoni tal-kustodja tal-wild kif ukoll il-kwistjoni dwar jekk il-kustodja legali, finanzjarja jew affettiva ta' dan il-wild taqax f'idejn il-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et*, C-133/15, EU:C:2017:354, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 B'mod iktar partikolari, sabiex jiġi evalwat ir-riskju li l-wild ikkonċernat, ċittadin tal-Unjoni, jiġi mġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk il-ġenitur tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, jiġi rrifjutat lilu l-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat fl-Istat Membru kkonċernat, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, f'kull waħda mill-kawżi prinċipali, liema huwa l-ġenitur li jkun ser jassumi l-kustodja effettiva tal-wild u jekk ikunx hemm relazzjoni ta' dipendenza effettiva bejnu u l-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta, u dan l-artikolu għandu jinqara flimkien mal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-wild, irrikonoxxut fl-Artikolu 24(2) tal-Karta (sentenza tat-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et*, C-133/15, EU:C:2017:354, punt 70).

72 Iċ-ċirkustanza li l-ġenitur l-ieħor, meta dan ikun ċittadin tal-Unjoni, ikun realment kapaċi – u lest li – jassumi waħdu r-responsabbiltà ta' kuljum u effettiva tal-wild jikkostitwixxi element rilevanti, iżda li ma huwiex fih innifsu suffiċjenti sabiex jiġi kkonstatat li ma jkunx hemm, bejn il-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz u l-wild, relazzjoni ta' dipendenza tali li dan tal-aħħar jiġi mġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk id-dritt ta' residenza jiġi rrifjutat lil dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Fil-fatt, tali konstatazzjoni għandha tkun ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni, fl-aħjar interess tal-wild ikkonċernat, taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari l-età tiegħu, l-iżvilupp fiżiku u emotiv tiegħu, il-livell tar-relazzjoni affettiva tiegħu kemm mal-ġenitur ċittadin tal-Unjoni kif ukoll mal-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz, kif ukoll ir-riskju li s-separazzjoni minn ma' dan tal-aħħar jista' joħloq għall-bilanċ ta' dan il-wild (sentenza tat-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et*, C-133/15, EU:C:2017:354, punt 71).

73 Għalhekk, il-fatt li l-ġenitur, ċittadin ta' pajjiż terz, ikun jgħix mal-wild minorenni, ċittadin tal-Unjoni, huwa wieħed mill-elementi rilevanti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejniethom, mingħajr madankollu ma tkun tikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, O *et*, C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 54).

74 Min-naħa l-oħra, is-sempliċi fatt li jista' jidher rakkomandabbli għal ċittadin ta' Stat Membru, għal raġunijiet ekonomiċi jew sabiex tinżamm l-unità tal-familja fit-territorju tal-Unjoni, li membri tal-familja tiegħu, li ma jkollhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru, ikunu jistgħu jgħixu miegħu fit-territorju tal-Unjoni, ma huwiex suffiċjenti fih innifsu sabiex jitqies li ċ-ċittadin tal-Unjoni jiġi mġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk tali dritt ma jingħatax (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2011, Dereci *et*, C-256/11, EU:C:2011:734, punt 68, u tas-6 ta' Diċembru 2012, O *et*, C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 52).

75 Għalhekk, l-eżistenza ta' rabta familjari, kemm jekk tkun ta' natura bioloġika jew ġuridika, bejn iċ-ċittadin tal-Unjoni minorenni u l-ġenitur tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, ma tistax tkun biżżejjed sabiex tiġġustifika li jiġi rrikonoxxut, bis-saħħa tal-Artikolu 20 TFUE, dritt ta' residenza dderivat lill-imsemmi ġenitur fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu l-minorenni jkun ċittadin.

76 Mill-punti 64 sa 75 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li:

– meta ċittadin tal-Unjoni jkun maġġorenni, relazzjoni ta' dipendenza ta' natura li tiġġustifika l-għoti, liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, ta' dritt ta' residenza dderivat taħt dan l-artikolu, ma hijiex prevista ħlief f'każijiet eċċezzjonali, li fihom, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti, il-persuna kkonċernata ma tkunx tista', bl-ebda mod, tiġi sseparata mill-membru tal-familja tagħha li minnha tiddependi;

– meta ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun minorenni, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali relazzjoni ta' dipendenza għandha tkun ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni, fl-aħjar interess tal-wild, taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari, l-età tiegħu, l-iżvilupp fiżiku u emotiv tiegħu, il-livell tar-relazzjoni affettiva ma' kull wieħed mill-ġenituri tiegħu, kif ukoll tar-riskju li s-separazzjoni mill-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz tippreġudika l-bilanċ tiegħu. L-eżistenza ta' relazzjoni familjari ma' dan iċ-ċittadin, kemm jekk ikun ta' natura bijoloġika jew ġuridika, ma hijiex suffiċjenti u koabitazzjoni ma' dan tal-aħħar ma hijiex neċessarja għall-finijiet li tiġi stabbilita din ir-relazzjoni ta' dipendenza.

*Fuq l-importanza tal-mument li fih tibda sseħħ ir-relazzjoni ta' dipendenza*

77 Fit-tielet lok, għandu jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 20 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa irrilevanti li r-relazzjoni ta' dipendenza, invokata miċ-ċittadin ta' pajjiż terz insostenn tal-applikazzjoni tiegħu għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, tibdiex isseħħ wara l-adozzjoni, fil-konfront tiegħu, ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju.

78 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li d-dritt ta' residenza rrikonoxxut liċ-ċittadini ta' pajjiż terz, membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, skont l-Artikolu 20 TFUE, huwa dritt ta' residenza dderivat, li għandu l-għan li jipproteġi l-libertajiet ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadin tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, li huwa minħabba r-relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u l-membru tal-familja tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, fis-sens imsemmi fil-punt 52 ta' din is-sentenza, li għandu jiġi rrikonoxxut lil dan tal-aħħar dritt ta' residenza fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu l-imsemmi ċittadin ta' l-Unjoni jifforma parti.

79 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-effett utli taċ-ċittadinanza tal-Unjoni ma jiġix irrikonoxxut jekk applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja kellha tiġi awtomatikament miċħuda meta tali relazzjoni ta' dipendenza bejn iċ-ċittadin tal-Unjoni u l-membru tal-familja tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, tibda sseħħ f'mument fejn dan tal-aħħar kien diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul fit-territorju u li din kienet għaldaqstant irregolari. Fil-fatt, f'każ bħal dan, l-eżistenza ta' tali relazzjoni ta' dipendenza bejn iċ-ċittadin tal-Unjoni u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ma setgħetx, f'dan il-każ, tittieħed inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni ta' ritorn, akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul, li għaliha kien suġġett dan tal-aħħar.

80 Wara kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet, fis-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), u tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et* (C-133/15, EU:C:2017:354), li għandu jiġi rrikonoxxut dritt ta' residenza dderivat, taħt l-Artikolu 20 TFUE, liċ-ċittadini ta' pajjiż terz, ġenituri ta' ċittadini tal-Unjoni, minorenni u li qatt ma jkunu eżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom, minkejja li, fil-mument tat-twelid tagħhom, il-ġenituri kienu jirrisjedu irregolarment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

81 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa irrilevanti li r-relazzjoni ta' dipendenza invokata miċ-ċittadin ta' pajjiż terz insostenn tal-applikazzjoni tiegħu ta' residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, tkun bdiet isseħħ wara l-adozzjoni, fil-konfront tiegħu, ta' deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju.

*Fuq in-natura definittiva tal-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju*

82 Fir-raba' lok, għandu jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 20 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa irrilevanti li d-deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju li għaliha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun suġġett tkun saret definittiva fil-mument li fih ikun ressaq l-applikazzjoni tiegħu għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja.

83 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-punti 57 sa 61 ta' din is-sentenza, l-effett utli tal-Artikolu 20 TFUE jimponi l-irtirar jew is-sospensjoni ta' din il-projbizzjoni ta' dħul, anki meta din tkun saret definittiva, jekk ikun hemm, bejn l-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz u ċ-ċittadin tal-Unjoni, membru tal-familja tiegħu, relazzjoni ta' dipendenza tali li tiġġustifika l-għoti lil dan iċ-ċittadin ta' dritt ta' residenza dderivat, bis-saħħa tal-Artikolu 20, fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

84 Minn dan isegwi li l-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa irrilevanti li d-deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju li għaliha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun suġġett tkun saret definittiva fil-mument li fih huwa jkun ressaq l-applikazzjoni tiegħu għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja.

*Fuq il-motivi tal-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju*

85 Fil-ħames lok, għandu jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 20 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa irrilevanti li d-deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju li għaliha jkun suġġett iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ippreżenta applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja tkun iġġustifikata min-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu tiegħu ta' ritorn jew minn raġunijiet ta' ordni pubbliku.

86 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/115, l-Istati Membri huma obbligati jadottaw deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, li kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, ma jkunx osserva l-obbligu tiegħu ta' ritorn jew meta l-ebda terminu ta' tluq volontarju ma jkun ingħata lilu, li jista' jkun il-każ, konformement mal-Artikolu 7(4) tal-imsemmija direttiva, meta l-persuna kkonċernata tikkostitwixxi periklu għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

87 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' ritorn, għandu jiġi rrilevat li huwa irrilevanti li l-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju tkun ġiet adottata għal tali raġuni.

88 Fil-fatt, għar-raġunijiet esposti fil-punti 53 sa 62 kif ukoll fil-punti 79 u 80 ta' din is-sentenza, Stat Membru ma jistax jirrifjuta li jieħu inkunsiderazzjoni applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, ippreżentata fit-territorju tiegħu minn ċittadin ta' pajjiż terz, sempliċement għaliex, peress li ma jkunx osserva l-obbligu tiegħu ta' ritorn, dan iċ-ċittadin ikun qed jirrisjedi irregolarment fl-imsemmi territorju, mingħajr ma jkun eżamina qabel jekk jeżistux bejn dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u ċ-ċittadin tal-Unjoni, membru tal-familja tiegħu, relazzjoni ta' dipendenza tali li titlob li jiġi rrikonoxxut dritt ta' residenza dderivat skont l-Artikolu 20 TFUE lill-imsemmi ċittadin.

89 Barra minn hekk, għandu jitfakkar, minn naħa, li d-dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti, irrikonoxxut mill-Artikolu 20 TFUE lil ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, jirriżulta direttament minn dan l-artikolu u ma jippreżupponix li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu diġà permess ieħor ta' residenza fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u, min-naħa l-oħra, li, peress li l-benefiċċju ta' dan id-dritt ta' residenza għandu jiġi rrikonoxxut lill-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz minn meta tibda sseħħ ir-relazzjoni ta' dipendenza bejn dan tal-aħħar u ċ-ċittadin tal-Unjoni, dan iċ-ċittadin ma jistax jibqa' jitqies, sa minn dan il-mument u sakemm iddum din ir-relazzjoni ta' dipendenza, li huwa residenti irregolari fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115.

90 F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, il-fatt li l-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju tirriżulta minn raġunijiet ta' ordni pubbliku, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 20 TFUE ma jaffettwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jinvokaw eċċezzjoni marbuta, b'mod partikolari, maż-żamma tal-ordni pubbliku u mal-protezzjoni tas-sigurtà pubblika. Madankollu, sa fejn is-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, l-evalwazzjoni ta' din tal-aħħar għandha tieħu inkunsiderazzjoni d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-ħajja tal-familja, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta, peress li dan l-artikolu għandu jinqara, jekk ikun il-każ, flimkien mal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-wild, irrikonoxxut fl-Artikolu 24(2) tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punt 81, u tat-13 ta' Settembru 2016, CS, C-304/14, EU:C:2016:674, punt 36).

91 Barra minn hekk, bħala ġustifikazzjoni ta' deroga għad-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni jew tal-membri tal-familji tagħhom, il-kunċetti ta' "ordni pubbliku" u ta' "sigurtà pubblika" għandhom jiġu interpretati b'mod strett. B'hekk, il-kunċett ta' "ordni pubbliku" jippreżupponi, fi kwalunkwe każ, l-eżistenza, minbarra t-tfixkil tal-ordni soċjali li jinvolvi kull ksur tal-liġi, ta' theddida reali, attwali u serja biżżejjed, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà. Fir-rigward tal-kunċett ta' "sigurtà pubblika", mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan il-kunċett ikopri s-sigurtà interna ta' Stat Membru u s-sigurtà esterna tiegħu u li, għaldaqstant, il-preġudizzju għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi pubbliċi essenzjali kif ukoll is-sopravivenza tal-popolazzjoni, bl-istess mod bħar-riskju ta' disturb serju tar-relazzjonijiet esterni jew tal-koeżistenza paċifika tal-popli, jew ukoll il-preġudizzju għall-interessi militari li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà pubblika. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mat-traffiku tad-droga fi gruppi organizzati jew kontra t-terroriżmu huma inklużi fil-kunċett ta' "sigurtà pubblika" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punti 82 u 83, kif ukoll tat-13 ta' Settembru 2016, CS, C-304/14, EU:C:2016:674, punti 37 sa 39).

92 F'dan il-kuntest, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, peress li r-rifjut tad-dritt ta' residenza jkun ibbażat fuq l-eżistenza ta' theddida reali, attwali u serja biżżejjed għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika, fid-dawl, b'mod partikolari, tar-reati kriminali mwettqa minn ċittadin ta' Stat terz, tali rifjut ikun konformi mad-dritt tal-Unjoni anki jekk dan iwassal għal l-obbligu għaċ-ċittadin tal-Unjoni, membru tal-familja tiegħu, li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punt 84, u tat-13 ta' Settembru 2016, CS, C-304/14, EU:C:2016:674, punt 40).

93 Min-naħa l-oħra, din il-konklużjoni ma tistax tinsilet b'mod awtomatiku unikament abbażi tal-preċedenti kriminali tal-persuna kkonċernata. Hija għandha tirriżulta, jekk ikun il-każ, minn evalwazzjoni konkreta taċ-ċirkustanzi attwali u rilevanti tal-każ inkwistjoni, fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-aħjar interess tal-wild u tad-drittijiet fundamentali li tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza (sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punt 85, u tat-13 ta' Settembru 2016, CS, C-304/14, EU:C:2016:674, punt 41).

94 Din l-evalwazzjoni għandha b'mod partikolari tieħu inkunsiderazzjoni l-aġir personali tal-individwu kkonċernat, it-tul u n-natura legali tar-residenza tal-persuna kkonċernata fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, in-natura u l-gravità tar-reat imwettaq, il-livell ta' perikolu attwali tal-persuna kkonċernata għas-soċjetà, l-età tal-ulied eventwalment inkwistjoni u l-istat ta' saħħa tagħhom, kif ukoll is-sitwazzjoni familjari u ekonomika tagħhom (sentenzi tat-13 ta' Settembru 2016, Rendón Marín, C-165/14, EU:C:2016:675, punt 86, u tat-13 ta' Settembru 2016, CS, C-304/14, EU:C:2016:674, punt 42).

95 Issa, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-prassi nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tobbligax lill-awtorità nazzjonali kompetenti li tagħmel tali evalwazzjoni konkreta taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ qabel ma tiċħad applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawżi prinċipali.

96 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tirrileva li ma jirriżultax mid-deċiżjonijiet ikkontestati quddiemha li tali evalwazzjoni konkreta kienet saret fl-okkażjoni tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, flimkien ma' projbizzjoni ta' dħul, li għalihom kien suġġett kull wieħed mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali. F'kull ipoteżi, anke jekk wieħed kellu jippreżumi li dan kien il-każ, l-awtorità nazzjonali kompetenti ma hijiex marbuta li teżamina, fil-mument li hija tipprospetta li tiċħad l-applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, ippreżentata miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jekk, sa mill-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, iċ-ċirkustanzi fattwali jkunux evolvew b'tali mod li dritt għal residenza issa ma jkunx jista' jiġi rrifjutat lilu (ara, b'analoġija, is-sentenzi tad-29 ta' April 2004, Orfanopoulos u Oliveri, C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262, punti 79 u 82, kif ukoll tal-11 ta' Novembru 2004, Cetinkaya, C-467/02, EU:C:2004:708, punti 45 u 47).

97 Minn dan isegwi li l-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa irrilevanti li d-deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, li għaliha jkun suġġett iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ippreżenta applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, tkun iġġustifikata minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' obbligu ta' ritorn. Meta raġunijiet ta' ordni pubbliku jkunu ġġustifikaw tali deċiżjoni, dawn tal-aħħar jistgħu jwasslu għar-rifjut ta' għoti lil dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ta' dritt ta' residenza dderivat taħt dan l-artikolu biss jekk minn evalwazzjoni konkreta taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-aħjar interess tal-ulied ikkonċernati jew eventwali, u tad-drittijiet fundamentali, jirriżulta li l-persuna kkonċernata tirrappreżenta theddida reali, attwali u suffiċjentement serja għall-ordni pubbliku.

### *Fuq it-tielet domanda*

98 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 kif ukoll l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu prassi nazzjonali li biha deċiżjoni ta' ritorn tiġi adottata fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li diġà kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn akkumpanjata minn deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, li tkun għadha fis-seħħ, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi tal-ħajja tal-familja tiegħu, u b'mod partikolari l-interess tal-wild minorenni tiegħu, imsemmija f'applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja ppreżentata wara l-adozzjoni ta' tali projbizzjoni ta' dħul fit-territorju.

99 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel u għat-tieni domanda, jeħtieġ li t-tielet domanda tinftiehem bħala intiża biss għal każijiet fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx jista' jibbenefika minn dritt ta' residenza dderivat bis-saħħa tal-Artikolu 20 TFUE.

100 F'din il-perspettiva, għandu jitfakkar, qabelxejn, li, skont il-premessa 2 tagħha, id-Direttiva 2008/115 tfittex li twaqqaf politika effettiva ta' tneħħija u ta' ripatrijazzjoni bbażata fuq standards komuni, sabiex il-persuni kkonċernati jiġu rripatrijati b'mod uman u b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll tad-dinjità tagħhom. Kif jirriżulta kemm mit-titolu tagħha, kif ukoll mill-Artikolu 1 tagħha, id-Direttiva 2008/115 tistabbilixxi għal dan il-għan "standards u proċeduri komuni" li għandhom jiġu applikati minn kull Stat Membru għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali (sentenza tal-5 ta' Novembru 2014, Mukarubega, C-166/13, EU:C:2014:2336, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

101 Barra minn hekk, mill-premessa 6 ta' din id-direttiva jirriżulta li l-Istati Membri huma marbuta li jieħdu, fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza irregolari fit-territorju tagħhom, deċiżjoni ta' ritorn, prevista mill-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, wara proċedura ġusta u trasparenti.

102 B'mod partikolari, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa", meta l-Istati Membri jimplimentaw din id-direttiva, huma għandhom, minn naħa, jikkunsidraw b'mod adegwat l-aħjar interessi tat-tfal,

tal-ħajja tal-familja u tal-istat ta' saħħa taċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz, u, min-naħa l-oħra, josservaw il-prinċipju ta' non-refoulement (sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida, C-249/13, EU:C:2014:2431, punt 48).

103 Minn dan isegwi li, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tikkunsidra li tadotta deċiżjoni ta' ritorn, hija għandha neċessarjament tosserva l-obbligi imposti mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 u tisma' lill-persuna kkonċernata fuq dan is-suġġett. F'dan ir-rigward, huwa dan tal-aħħar li għandu jikkoopera mal-awtorità nazzjonali kompetenti waqt is-smigħ tiegħu sabiex jagħtiha l-informazzjoni kollha rilevanti dwar is-sitwazzjoni personali u familjari tiegħu u, b'mod partikolari, dik li tista' tiġġustifika li deċiżjoni ta' ritorn ma tittiħidx (sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida, C-249/13, EU:C:2014:2431, punti 49 u 50).

104 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 għalhekk jipprekludi Stat Membru milli jadotta deċiżjoni ta' ritorn mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti tal-ħajja tal-familja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, li dan iċ-ċittadin jinvoka, insostenn ta' applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, sabiex jopponi l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni, anki jekk l-imsemmi ċittadin diġà kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn flimkien ma' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju.

105 Madankollu, kif ġie enfasizzat fil-punt 103 ta' din is-sentenza, il-persuna kkonċernata għandha obbligu ta' kooperazzjoni leali mal-awtorità nazzjonali kompetenti. Dan id-dmir ta' kooperazzjoni leali jobbligaha tinforma, mill-aktar fis possibbli, l-imsemmija awtorità bi kwalunkwe żvilupp rilevanti tal-ħajja tal-familja tagħha. Fil-fatt, id-dritt taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni familjari tiegħu tittieħed inkunsiderazzjoni qabel ma tiġi adottata deċiżjoni ta' ritorn ma jistax jiġi strumentalizzat sabiex terġa' tinfetaħ jew tiġi estiża b'mod indefinit il-proċedura amministrattiva (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2014, Mukarubega, C-166/13, EU:C:2014:2336, punt 71).

106 B'hekk, meta, bħal fil-kawżi prinċipali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz diġà kien ġie suġġett għal deċiżjoni ta' ritorn, u sakemm, matul din l-ewwel proċedura, huwa seta' jinvoka l-elementi tal-ħajja tal-familja tiegħu, li diġà kienet teżisti f'dak iż-żmien u li hija l-bażi tal-applikazzjoni tiegħu għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, ma jistax jiġi lmentat li l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tkunx ħadet inkunsiderazzjoni, matul il-proċedura ta' ritorn mibdija sussegwentement, l-imsemmija elementi, li kellhom jiġu invokati mill-persuna kkonċernata fi stadju preċedenti tal-proċedura.

107 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħha deċiżjoni ta' ritorn tiġi adottata fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li diġà kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, li tkun għadha fis-seħħ, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi tal-ħajja tal-familja tiegħu, u b'mod partikolari l-interessi tal-wild minorenni tiegħu, imsemmija f'applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja ppreżentata wara l-adozzjoni ta' tali projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, ħlief meta tali elementi setgħu ġew invokati preċedentement mill-persuna kkonċernata.

### *Fuq ir-raba' domanda*

108 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel sat-tielet domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għar-raba' domanda.

**Fuq l-ispejjeż**

109 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 11 tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija ma tipprekludix prassi ta' Stat Membru li ma tiħux inkunsiderazzjoni applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, ippreżentata fit-territorju tiegħu minn ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jkollu n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru u li qatt ma jkun eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu, unikament għar-raġuni li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun is-suġġett ta' projbizzjoni ta' dħul fl-imsemmi territorju.**

2) **L-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens:**

   – **li jippreklud prassi ta' Stat Membru li ma tiħux inkunsiderazzjoni tali applikazzjoni unikament għal din ir-raġuni, mingħajr ma jkun ġie evalwat jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza bejn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni u dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ta' tali natura li, fil-każ ta' rifjut ta' għoti ta' dritt ta' residenza dderivat lil dan tal-aħħar, l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jkun, fil-fatt, imġiegħel jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu u jkun b'hekk imċaħħad mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tiegħu;**

   – **li meta ċittadin tal-Unjoni jkun maġġorenni, relazzjoni ta' dipendenza ta' natura li tiġġustifika l-għoti, liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, ta' dritt ta' residenza dderivat taħt dan l-artikolu, ma hijiex prevista ħlief f'każijiet eċċezzjonali, li fihom, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti, il-persuna kkonċernata ma tkunx tista', bl-ebda mod, tiġi sseparata mill-membru tal-familja tagħha li minnha tiddependi;**

   – **li meta ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun minorenni, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali relazzjoni ta' dipendenza għandha tkun ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni, fl-aħjar interess tal-wild, taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari, l-età tiegħu, l-iżvilupp fiżiku u emotiv tiegħu, il-livell tar-relazzjoni affettiva ma' kull wieħed mill-ġenituri tiegħu, kif ukoll tar-riskju li s-separazzjoni mill-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz tippreġudika l-bilanċ tiegħu; l-eżistenza ta' relazzjoni familjari ma' dan iċ-ċittadin, kemm jekk tkun ta' natura bioloġika jew ġuridika, ma hijiex suffiċjenti u koabitazzjoni ma' dan tal-aħħar ma hijiex neċessarja għall-finijiet li tiġi stabbilita din ir-relazzjoni ta' dipendenza;**

   – **li huwa irrilevanti li r-relazzjoni ta' dipendenza invokata miċ-ċittadin ta' pajjiż terz insostenn tal-applikazzjoni tiegħu ta' residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, tkun bdiet isseħħ wara l-adozzjoni, fil-konfront tiegħu, ta' deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju;**

   – **li huwa irrilevanti li d-deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju li għaliha jkun suġġett iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun saret definittiva fil-mument li fih huwa jkun ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, u**

**– li huwa irrilevanti li d-deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, li għaliha jkun suġġett iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ippreżenta applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, tkun iġġustifikata minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' obbligu ta' ritorn; meta raġunijiet ta' ordni pubbliku jkunu ġġustifikaw tali deċiżjoni, dawn tal-aħħar jistgħu jwasslu għar-rifjut ta' għoti lil dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ta' dritt ta' residenza dderivat taħt dan l-artikolu biss jekk minn evalwazzjoni konkreta taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-aħjar interess tal-ulied ikkonċernati jew eventwali, u tad-drittijiet fundamentali, jirriżulta li l-persuna kkonċernata tirrappreżenta theddida reali, attwali u suffiċjentement serja għall-ordni pubbliku.**

3) **L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħha deċiżjoni ta' ritorn adottata fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li diġà kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, li tkun għadha fis-seħħ, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi tal-ħajja tal-familja tiegħu, u b'mod partikolari l-interessi tal-wild minorenni tiegħu, imsemmija f'applikazzjoni għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja ppreżentata wara l-adozzjoni ta' tali projbizzjoni ta' dħul fit-territorju, ħlief meta tali elementi setgħu ġew invokati preċedentement mill-persuna kkonċernata.**

Firem